Nru./No. 18,487
Prezz/Price
€2.61

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2009
Tuesday, 29th September, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,335 - 12,339
Government Notices ..... *12,335 - 12,339*

Avviż tal-Pulizija ..... 12,339 - 12,340
Police Notice ..... *12,339 - 12,340*

Avviż lill-Baħħara 12,340
Notice to Mariners *12,340*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 12,341 - 12,346
Employment Opportunities ..... *12,341 - 12,346*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,346 - 12,348
Notices ..... *12,346 - 12,348*

Offerti ..... 12,349 - 12,379
Tenders ..... *12,349 - 12,379*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,380 - 12,386
Court Notices ..... *12,380 - 12,386*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 746

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,483 u 18,486 tat-22 u l-25 ta' Settembru, 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 252 tal-2009: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Manifattura u l-Importazzjoni ta' Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem.

A.L. Nru. 253 tal-2009: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 2).

Id-29 ta' Settembru, 2009

Nru. 747

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tnejn, it-28 ta' Settembru, 2009 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 732 tas-21 ta' Settembru, 2009, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-28 ta' Settembru, 2009
(OPM 1/2009/II)

Nru. 748

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	30.9–02.10.2009

Id-29 ta' Settembru, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 746

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,483 and 18,486 of the 22nd and the 25th September, 2009 respectively.

L.N. No. 252 of 2009: Medicines Act (Cap. 458); Manufacture and Importation of Medicinal Products for Human Use (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 253 of 2009: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Association) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2009.

29th September, 2009

No. 747

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Monday, 28th September, 2009 and that the arrangements made by Government Notice No. 732 of the 21st September, 2009, ceased to have effect accordingly.

28th September, 2009

No. 748

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	30.9–02.10.2009

29th September, 2009

Nru. 749

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 356)

Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp

SKONT l-Artikolu 13 (1)(ċ) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ħatret lil dawn li ġejjin biex iservu fuq il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp sal-31 ta' Diċembru, 2009:

Diviżjoni B
Membri
Is-Sur Joe Spiteri Bailey
Perit David Vassallo

Divizjoni Ċ
Membru
Is-Sur Joe Attard Tabone

Id-29 ta' Settembru, 2009

No. 749

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Development Control Commission

IN terms of Article 13(1)(c) of the Development Planning Act, the Malta Environment and Planning Authority has appointed the following to serve on the Development Control Commission up to the 31st December 2009:

Division B
Members
Mr Joe Spiteri Bailey
Perit David Vassallo

Division C
Member
Mr Joe Attard Tabone

29th September, 2009

Nru. 750

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Servizzi ta' Konsulenza fil-Qasam tal-Agrikoltura

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont kif ipprovdut permezz ta' Regolament 2 tal-Avviż Legali 110 tal-009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Konsulenza fil-Qasam tal-Agrikoltura, 2009, u r-regolamenti prinċipali tal-Avviż Legali 41 tal-2008, il-Bord dwar Servizzi ta' Konsulenza fil-Qasam tal-Agrikoltura huwa kostitwit kif ġej:

Dott. Daniela Magri
Dott. Marica Gatt
Is-Sur Noel Azzopardi
Is-Sur Sharlo Camilleri
Is-Sur Oliver Frendo

Id-29 ta' Settembru, 2009

No. 750

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Farm Advisory Services Board

IT is hereby notified for general information that as provided for in terms of Regulation 2 of Legal Notice 110 of 2009 of the Farm Advisory Services (Amendment) Regulations, 2009, and the principal regulations of Legal Notice 41 of 2008, the Farm Advisory Services Board is composed as follows:

Dr Daniela Magri
Dr Marica Gatt
Mr Noel Azzopardi
Mr Sharlo Camilleri
Mr Oliver Frendo

29th September, 2009

Nru. 751

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 751

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Rodney Borg	459786 (M)	Flat 2, San Ġwann t'Għuxa, Blokk 1A, Bormla
Jeremy Portelli	100885 (M)	25, "Sherwood", Triq San Edwardu, Paola
Angelo Magro	425654 (M)	"Gordon Court", Blokk Ċ, Flat 4, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ, Għawdex
Andrew Cachia	462189 (M)	32, "Redentur", Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola
Charmaine Diacono	160679 (M)	10, Triq Isuard, Marsa
Melvin Borg	165990 (M)	74, Triq Patri Feliċjan Bilocca, Marsa
Ruth Maria Vella	579790 (M)	133, "Maria Adeodata", Triq l-10 ta' Frar, Buġibba

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Gordon Pace	472188 (M)	36, Triq Santa Marija, Gudja
Jason Pisani	150673 (M)	"The Valley", Blokk B, Flat 14, Triq Dott. Ġużé Miceli, Gżira
Maria Cermela k/a Marica Schembri	567549 (M)	No. 4, "April", Flat 1, Triq Vivion, Santa Venera
Michael Joseph Bonett	399489 (M)	46, "Shalom", Triq Sant Rokku, Mosta
Shawn Mangion	159588 (M)	"Mardor", Triq Mons. Mikiel Spiteri, Żejtun
Marcelle Borg	268368 (M)	"Ferry Court", Flat 7, Triq il-Kavalli, San Pawl il-Baħar
Raymond Saliba	149055 (M)	164, "Raymar", Triq Hompesch, Fgura
Tyrone Laudi	442586 (M)	Flat 6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk C1, Fgura
Redeemer Portelli	327788 (M)	"Rit Ray", Triq il-Poeżija, Qormi
Georgi Ivanov Georgiev	52183 (A)	8, "Arvi", Flat 2, Triq Nicolò Isuard, Mosta
Duncan D'Amato	508382 (M)	Blokk Ċ, Flat 8, Triq Gananton Tanti, Tarxien
Felix Bonnici	197952 (M)	Blokk F, Bieb B, Flat 4, Triq Peppi Vella, Tal-Ħawli Estate, Birgu

Eleno k/a Lino Zarb	754360 (M)	43, "Marusca", Triq G. Dimech Debono, Birkirkara
Noel Borg	385984 (M)	18, "Mon-Nid", Triq il-Qaqoċċ, Żabbar
Kenneth Brincat	142477 (M)	Nlokk 6, Flat 6, Triq il-Fosos, Floriana
Anthony Sammut	248249 (M)	12, Flat 1, Triq San Publju, San Pawl il-Baħar
Raymond Camilleri	507257 (M)	Blokk 4, Flat 11, Triq il-Vitorja, Bin tal-Gvern, Isla
Mario Briffa	517456 (M)	49, "Narcis", Triq Ġużé Ebejer, Dingli
Toni Williams Akinola	39014 (A)	16, "Raygine", Flat 5, Triq Damasku, San Pawl il-Baħar
Joseph Lia	414653 (M)	12, Triq Santa Katerina, Isla
Emanuel Fenech	27491 (M)	Blokk R, Flat 7, Bini tal-Gvern, Ħamrun
Stephan Portelli	455769 (M)	2, Pjazza Patri Magri, Marsa

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Id-29 ta' Settembru, 2009

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

29th September, 2009

Nru. 752

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
29. 09. 09	€22.058	€0.379

No. 752

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Id-29 ta' Settembru, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 112

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Valletta/il-Furjana

Nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Settembru 2009 mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Pjazza Ħelsien.

Nħar il-Ġimgħa, it-2 ta' Ottubru mis-1.00 p.m. 'il quddiem fil-parkeġġ tal-Borża fi Pjazza Kastilja.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Ottubru 2009 mill-5.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: l-Ifran bejn San Kristofru u l-Arċisqof u bejn San Ġwann u t-Teatru l-Antik, id-Dejqa bejn San Ġwann u Melita, Marsamxett bejn it-Teatru l-Antik u San Bastjan, San Bastjan bejn Marsamxett u l-Ifran, Pjazza Indipendenza, Pjazza Ħelsien, Pjazza Mattia Preti, il-Papa Piju V u l-parkeġġ tal-Bank Ċentrali.

29th September, 2009

POLICE NOTICE

No. 112

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta/Floriana

On Wednesday, 30th September 2009 from 5.00 a.m. onwards through Pjazza Ħelsien.

On Friday, 2nd October 2009 from 1.00 p.m. onwards at the Stock Exchange parking area at Pjazza Kastilja.

On Saturday, 3rd October 2009 from 5.00 a.m. onwards through the following streets: l-Ifran between San Kristofru and l-Arċisqof and between San Ġwann and it-Teatru l-Antik, id-Dejqa between San Ġwann and Melita, Marsamxett between it-Teatru l-Antik and San Bastjan, San Bastjan between Marsamxett and l-Ifran, Pjazza Indipendenza, Pjazza Ħelsien, Pjazza Mattia Preti, il-Papa Piju V and Central Bank parking area.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Ottubru 2009 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-parkeġġ tal-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Papa Piju V, Ġonna tal-Barrakka ta' fuq, il-parkeġġ tal-Borża fi Pjazza Kastilja, Pjazza Kastilja, San Pawl, il-Merkanti, ir-Repubblika, l-Ifran, id-Dejqa, il-Punent, il-Kavallieri, l-Ordinanza, Nofsinhar, Melita, San Ġwann, Pjazza San Ġwann, Santa Luċija, it-Teatru l-Antik, l-Arċisqof, San Kristofru u Ġilormu Cassar.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Ottubru 2009 mis-10.00 a.m. 'il quddiem mill-Foss ta' San Ġakbu, Triq il-Mall u Vjal Nelson.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf ukoll li t-traffiku li jkun ġej minn Triq il-Marina, il-Pietà fid-direzzjoni lejn il-Furjana, ser ikun jista' jgħaddi biss minn Triq l-Indipendenza, il-Pietà nhar is-Sibt, it-3 ta' Ottubru, 2009, mill-5.00 p.m. 'il quddiem;

Triq Sa Maison u Hay Wharf se jkunu miftuħa għat-traffiku f'direzzjoni waħda u cioè mill-Furjana lejn il-Pietà nhar is-Sibt, it-3 ta' Ottubru, 2009, mill-5.00 p.m. 'il quddiem.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Id-29 ta' Settembru, 2009

On Saturday, 3rd October 2009 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: St James Cavalier parking area, Papa Piju V, Upper Barrakka Gardens, Stock Exchange parking area at Pjazza Kastilja, Pjazza Kastilja, San Pawl, il-Merkanti, ir-Repubblika, l-Ifran, id-Dejqa, il-Punent, il-Kavallieri, l-Ordinanza, Nofsinhar, Melita, San Ġwann, Pjazza San Ġwann, Santa Luċija, it-Teatru l-Antik, l-Arċisqof, San Kristofru and Ġilormu Cassar.

On Saturday, 3rd October 2009 from 10.00 a.m. onwards through St James Ditch, The Mall and Vjal Nelson.

The Commissioner of Police hereby also notifies that vehicular traffic from Triq il-Marina, Pietà in the direction towards Floriana will be diverted through Triq l-Indipendenza, Pietà, on Saturday, 3rd October, 2009 from 5.00 p.m. onwards;

Triq Sa Maison and Hay Wharf will be open to one-way traffic from Floriana towards Pietà on Saturday 3rd October, 2009, from 5.00 p.m onwards.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

29th September, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 71 tal-2009

A.F.M. Open Day - Waterfront Valletta

Il-Forzi Armati ta' Malta se jorganizzaw *open day* nhar il-Ħadd, l-4 ta' Ottubru 2009, biex jiċċelebraw id-39 Anniversarju. Dan l-avveniment se jsir fil-Valletta Waterfront fil-Port il-Kbir.

Se jsiru wirjiet ta' salvataġġ (SAR) li jinvolvu inġenji tal-baħar u tal-ajru fl-inħawi indikati b'A, B, C, D, E u F fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità Marittima ta' Malta: http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Movimenti ta' bastimenti se jkunu ristretti fl-inħawi msemmija hawn fuq matul il-wirjiet minn nofsinhar sas-1.00 p.m. u mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (V.T.S.), mill-Pulizija u mill-*patrol craft* fl-inħawi.

Chart affettwata: BA 177

Id-29 ta' Settembru, 2009

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 71 of 2009

A.F.M. Open Day - Waterfront Valletta

The Armed Forces of Malta will be holding an open day on Sunday, 4th October 2009 to celebrate its 39th Anniversary. The event will be held at the Valletta Waterfront in Grand Harbour.

Rescue (SAR) demonstrations involving sea-craft and aircraft will take place within the area indicated by A, B, C, D, E and F on chart which can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at: http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Shipping movements are restricted in the above mentioned area, during these demonstrations from noon to 1.00 p.m. and from 4.00 p.m. to 5.00 p.m.

Mariners are to obey instructions issued by the Valletta Port Control (V.T.S.), Police and patrol craft in the area.

Chart affected BA 177

29th September, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Employee Support Programme (ESP) Unit Coordinator* fid-Direttorat tal-*Employee Relations, Management and Personnel Office*, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *ESP Unit Coordinator* fid-Direttorat tal-*Employee Relations fil-Management and Personnel Office*.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *ESP Unit Coordinator*. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *ESP Unit Coordinator* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mal-*Management and Personnel Office* kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *ESP Unit Coordinator* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 6 (bħalissa €22,868 fis-sena). Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93) (fejn applikabbli), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-*assignment*, tiġi maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *ESP Unit Coordinator* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 6 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Employee Support Programme (ESP) Unit Coordinator at the Employee Relations Directorate at the Management and Personnel Office Office of the Prime Minister

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the position of ESP Unit Coordinator within the Employee Relations Directorate of the Management and Personnel Office.

2.1. The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as ESP Unit Coordinator within the Employee Relations Directorate of the Management and Personnel Office. Unsatisfactory performance as ESP Unit Coordinator during the assignment period will lead to termination of the assignment

2.2. If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her service with the Management and Personnel Office, as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of the assignment.

3.1. The salary attached to the position of ESP Unit Coordinator is equivalent to the maximum of Scale 6 (currently €22,868 per annum). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93) (where applicable), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

3.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 6, he/she will be required to relinquish the duties of ESP Unit Coordinator and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 6 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *ESP Unit Coordinator* jinkludu fost oħrajn li:-

a) tipprovdi assistenza professjonali, għajnuna u suġġerimenti lill-uffiċjali indikati, speċjalment fuq affarijiet relatati mas-servizzi provduti mill-*Employee Support Programme (ESP) Unit*;

b) tagħti suġġerimenti lid-Direttorat tal-*Employee Relations* fuq affarijiet li huma relatati mal-funzjonijiet u x-xogħol kollu li jaqa' taħt l- *Employee Support Programme (ESP) Unit*;

ċ) tipprovdi *Leadership,* li tmexxi u tikkoordina l-*Employee Support Programme (ESP) Unit*;

d) tipprovdi għajnuna professjonali u teknika fl-iżviluppar tal-offerti*;*

e) tikkoordina t-twaqqif tal-programmi relatati;

f) tipparteċipa f'konferenzi jew *meetings*, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta, kemm-il darba dawn l-attivitajiet jaqaw taħt id-dmirijiet tax-xogħol tal-uffiċjal;

g) tagħmel kull xogħol ieħor relatat mal-*Employee Support Programme (ESP) Unit and Programme* skont kif jiġi determinat minn żmien għal żmien mid-Direttur (*Employee Relations);*

h) tiċċekkja fuq il-progress tal-attivitajiet programmati, timplimenta azzjonijiet korrettivi meta u fejn neċċessarju u tipprovdi rapporti kull 4 xhur kif meħtieġ;

i) tipprovdi u żżomm dokumentazzjoni kif meħtieġ tal-attivitajiet kollha li jsiru fl-*Employee Support Programme (ESP) Unit;*

j) isegwi kontinwament l-attivitajiet li jkunu qed jitwettqu taħt l-*Employee Support Programme (ESP) Unit;*

k) taħdem flimkien ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet stabbiliti li għandhom l-istess skopijiet bħall-*Employee Support Programme (ESP) Unit;*

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) ikollhom *degree* rikonoxxut jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta. Preferenza tingħata lil dawk l-applikanti li jkollhom *degree*/kwalifka komparabbli fix-Xjenzi Soċjali u *track record* ippruvat fl-immaniġġar ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea;

u

4. The ESP Unit Coordinator will inter alia be required to:-

a) provide professional assistance, support and advice to indicated officials, especially on issues related to the services provided under the Employee Support (ESP) Unit;

b) provide advice to the Employee Relations Directorate, concerning issues related to all the functions and tasks performed under the Employee Support Programme (ESP) Unit;

c) provide leadership, manage and coordinate the Employee Support Programme (ESP) Unit;

d) provide professional and technical support in the development of tenders;

e) coordinate the implementation of related programmes;

f) participate in conferences or meetings, local and abroad, if such conferences or meetings fall within the officer's activities;

g) carry out other duties related to the Employee Support Programme (ESP) Unit and Programme as may be determined from time to time by the Director (Employee Relations);

h) monitor progress of all programmed activity, implement corrective action where and when necessary and submit quarterly progress reports as may be required;

i) maintain and keep proper documentation of all the activities carried out under the Employee Support Programme (ESP) Unit;

j) monitor the overall activities undertaken under the Employee Support Programme (ESP) Unit;

k) liaise with relevant stakeholders in line with the objectives of the Employee Support Programme (ESP) Unit;

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a) in possession of a recognised degree, or a comparable recognised qualification. Preference will be given to those applicants in possession of a degree/comparable qualification in the Social Sciences and a proven track record in dealing with EU funded projects;

and

(b) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record;* waqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji.

6.1 Il-persuna li tiġi magħżula tista' tiġi msejħa biex tmur *training* barra minn Malta biex iġġib il-kwalifika mill-*ESP training course* u xi *training* iehor kif ikun meħtieġ mid-Direttur *(Employee Relations)*.

6.2 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.3 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi l-kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmużin mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2 Ċertifikati u dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni,

b) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in Malta Government Service, giving details).

6.1. The selected applicant may be required to travel abroad to undergo a certified ESP training course and other training as may be determined by the Director (Employee Relations).

6.2. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.3. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport

Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-boards* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tad-Dipartiment tal-*Corporate Services,* Management and Personnel Office, ufficcju tal-Prim Ministru.

8.3 Jiġi ppubblikat avviż dwar ir-riżultat tal-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Petizzjonijiet dwar ir-riżultati skont Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn tkun teżisti l-*vacancy* li trid timtela. Petizzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni u għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hi adatta għal din il-pożizzjoni.

10. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttorat tal-*Employee Relations, Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Auberge de Castille, Valletta VLT 2000 sa mhux aktar tard minn-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ottubru 2009.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:

or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, Tthe Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Employee Relations Directorate, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta VLT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd October 2009.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid- Direttorat tal-*Employee Relations, Management and Personnel Office,* Uffiċċju tal-Prim Ministru, Auberge de Castille, Valletta VLT 2000.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ottubru 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttorat tal-*Employee Relations, Management and Personnel Office,* Uffiċċju tal-Prim Ministru, Auberge de Castille, Valletta, VLT 2000, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru tad-Direttorat huwa +365 2200 1219.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttorat tal-*Employee Relations, Management and Personnel Office,* Uffiċċju tal-Prim Ministru.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi hawn fuq qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tal-*Employee Relations, Management and Personnel Office,* Uffiċċju tal-Prim Ministru, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem.

Id-29 ta' Settembru, 2009

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Employee Relations Directorate, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta VLT 2000.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 23rd October 2009, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Employee Relations Directorate, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta VLT 2000, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Directorate is + 356 2200 1219.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Employee Relations Directorate, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Employee Relations Directorate, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister within seven (7) days.

29th September, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

L-MCAST beħsiebu jimpjega *lecturering staff* li huma kwalifikati u b'esperjenza biex jgħallmu f'wieħed jew iżjed mill-oqsma li ġejjin:

3D Design (Permess tal-ETC Nru. 122/2009)

L-applikanti jrid ikollhom l-ewwel lawrja minn istituzzjoni għola rikonoxxuta bi 3D Design jew Product design jew interior Design bħala l-qasam prinċipali ta' studju.

Information Technology (Permess tal-ETC Nru. 168/2009)

L-applikanti jrid ikollhom l-ewwel lawrja relatata mal-IT u/jew Computing. Ikun kunsidrat ta' vantaġġ li wieħed ikollu PGCE.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

MCAST is seeking to recruit lecturing staff who are suitably qualified and experienced to teach in one or more of the following areas:

3D Design (ETC Permit No. 122/2009)

Applicants should be in possession of a first degree from a recognized higher education institution, with 3D Design or Product design or interior Design as the major area of study.

Information Technology (ETC Permit No. 168/2009)

Applicants should be in possession of a first degree related to IT and/or Computing. Possession of a PGCE will be considered an asset.

Part-time Lecturing Staff (Permess tal-ETC Nru. 180/2009)

Jintlaqgħu applikazzjonijiet minn persuni kwalifikati li huma interessati fil-lecturing fuq bażi part-time għall-korsijiet u/jew klassijiet ta' filgħaxija tal-Kulleġġ f'xi wieħed minn disa' istituzzjonijiet f'Malta u fiċ-Ċentri tal-MCAST ta' Għawdex fix-Xagħra u x-Xewkija. Applikazzjonijiet għandhom jindikaw il-qasam/oqsma ta' speċjalizzazzjoni kif ukoll id-disponibbiltà tal-applikanti.

Il-kandidati prospettivi jridu jimlew il-formola tal-applikazzjoni li ħareġ il-Kulleġġ għal dan ix-xogħol u jissottomettuha mal-karta tal-esperjenzi ta' xogħol li kellhom (li tinġabar mill-ETC) sa nhar it-Tnejn, il-5 ta' Ottubru, 2009.

L-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-MCAST jew jinġabru mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, iċ-Ċentru Amministrattiv tal-MCAST, Raħal Ġdid. L-applikanti għandhom jindirizzaw l-applikazzjonijiet tagħhom lid-Direttur Amministrattiv, fl-indirizz li jidher hawn taħt.

L-applikazzjonijiet li jintefgħu tard jew ikollhom xi dettalji nieqsa ma jiġux ikkunsidrati.

Il-Kampus Ewlieni tal-MCAST
It-Telgħa ta' Kordin,
Raħal Ġdid PLA 9032, Malta
Tel. 2398 7100 *Fax:* 2398 7316
www.mcast.edu.mt

Id-29 ta' Settembru, 2009

Part-time Lecturing Staff (ETC Permit No. 180/2009)

Applications are invited from suitably qualified individuals who are interested in lecturing on a part-time basis on the College's day and/or evening courses in any of its nine institutions in Malta and at the MCAST Gozo Centres in Xagħra and Xewkija. Applications should indicate the area/s of specialisation as well as the applicant's availability.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 5th October, 2009 at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Administration Building, Paola, are to be addressed to the Administrative Director at the address below.

Late and incomplete applications will not be considered.

MCASTMain Campus
Corradino Hill,
Paola PLA 9032, Malta
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316
www.mcast.edu.mt

29th September, 2009

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
(SAĦĦA)

Riżultat tal-Intervisti għall-Postijiet ta' *Higher Specialist Trainee* fid-Dipartiment tar-Radjoloġija fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Taqsima tas-Saħħa)

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi r-riżultati tal-intervista għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq jinsabu fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-29 ta' Settembru, 2008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
(HEALTH)

Result of Interviews for the Posts of Higher Specialist Trainee in the Department of Radiology in the Ministry for Social Policy (Health Division)

The Director General (Resources and Support) notifies that the result of the interview for the above-mentioned position may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Social Policy (Health), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

29th September, 2009

DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI (DSE)

Riżultati ta' Intervisti

Id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) jgħarraf li ħarġu r-riżultati tal-intervisti għall-pożizzjonijiet/impjiegi imsemmija hawn taħt u jinsabu fuq in-*notice-board* tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE), il-Furjana, u fuq in-*notice-board* tal-Assistent Direttur tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex:

Pożizzjoni ta' *Trainee Career Advisor*
Ingaġġ ta' *Supply Learning Support Assistants*

Id-29 ta' Settembru, 2009

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES (DES)

Results of Interviews

The Directorate for Educational Services (DES) notifies that the results of the interviews for the undermentioned positions/engagements have been published and may viewed on the notice-board of the Directorate for Educational Services (DES), Floriana, and on the notice-board of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo:

Position of Trainee Career Advisor
Engagement of Supply Learning Support Assistants

29th September, 2009

ATT TAL-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(A.L. 153 TAL-1994)

Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu li l-kandidati għall-Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, nominati skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 5 tar-Regolamenti tal-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, huma dawn li ġejjin, jiġifieri:–

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993
(L.N. 153 OF 1994)

Executive Committee of the Association of Local Councils

The Electoral Commissioners hereby notify that the candidates for the Election of the Executive Committee of the Association of Local Councils, nominated in accordance with the provisions of Regulation 5 of the Local Councils' Association Regulations, 1994, are the following, that is:–

LISTA GĦALL-PRESIDENT TAL-ASSOĊJAZZJONI – *CHAIRMAN OF THE ASSOCIATION LIST*

Kandidati Nominati *Nominated Candidates*	Kunsillier għal-lokalità ta' *Councillor for the locality of*
Anastasi Horace	Santa Venera
Cohen Michael	Kalkara

LISTA ĠENERALI – *GENERAL LIST*

Kandidati Nominati *Nominated Candidates*	Kunsillier għal-lokalità ta' *Councillor for the locality of*
Borg Ian	Dingli
Cordina Joseph	Xagħra
Micallef Ian	Gżira

LISTA REĠJUN NOFSINHAR – *SOUTHERN REGIONAL LIST*

Kandidati Nominati *Nominated Candidates*	Kunsillier għal-lokalità ta' *Councillor for the locality of*
Abela Baldacchino Claudette	Qrendi
Galea Emanuel (Noel)	Imqabba

LISTA REĠJUN XLOKK – *SOUTH EASTERN REGIONAL LIST*

Kandidati Nominati *Nominated Candidates*	Kunsillier għal-lokalità ta' *Councillor for the locality of*
Dingli Alexei	Valletta
Farrugia Paul	Tarxien

LISTA REĠJUN ĊENTRALI – *CENTRAL REGIONAL LIST*

Kandidati Nominati *Nominated Candidates*	Kunsillier għal-lokalità ta' *Councillor for the locality of*
Calleja John Mary k/a Jimmy	Birkirkara
Mifsud Malcolm	Pietà

LISTA REĠJUN TRAMUNTANA – *NORTHERN REGIONAL LIST*

Kandidati Nominati *Nominated Candidates*	Kunsillier għal-lokalità ta' *Councillor for the locality of*
Mifsud Anthony (Anton)	Mtarfa
Tabone Raymond	San Pawl il-Baħar

LISTA REĠJUN GĦAWDEX – *GOZO REGIONAL LIST*

Kandidati Nominati *Nominated Candidates*	Kunsillier għal-lokalità ta' *Councillor for the locality of*
Azzopardi Samuel	Rabat (Għawdex)
Debrincat Joseph	Rabat (Għawdex)

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant' Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Id-29 ta' Settembru, 2009

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

29th September, 2009

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke, Ottubru 2009

Emenda

B'riferenza għall-avviż bit-titlu msemmi hawn fuq, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Settembru, 2009, ngħarrfu b'dan illi mhux se jsir sparar attiv nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Ottubru, 2009.

Id-29 ta' Settembru, 2009

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Programme at Pembroke Ranges, October 2009

Amendment

With reference to the notice with the abovementioned title, published in the Government Gazette dated 22nd September, 2009, it is hereby notified that no live firing practice will be held on Wednesday, 14th October, 2009.

29th September, 2009

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-1 ta' Ottubru, 2009, għal:

CT 327/2009 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2404/2009. Xogħlijiet ta' tlestija ta' Blokk Residenzjali f' 49, Triq l-Iljun u 47 u 56, Triq l-Argotti, il-Furjana - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' €120.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Ottubru, 2009, għal:

CT 312/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2179/2009. Servizzi ta' tindif fl-Isptar Monte Karmeli – Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-7 ta' Awwissu 2009.

CT 316/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2255/2009. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *bench top tandem quadropole mass spectrometer* għall-Faċilitajiet tas-Saħħa Bijoteknoloġika – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €211,864.41 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Awwissu 2009.

Forms of the expression of interest documents may be obtained from the Corporate Services Directorate of the same Authority on any working day between 8.30 a.m. and noon or downloaded from the site www.maltatransport.com under the 'Tenders' Section of the website.

29th September, 2009

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, by not later than noon on Tuesday, 6th October 2009, for:–

Advt. No. WSM 59/2009. Supply, delivery and storage of geomembrane for the Għallis landfill.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM 60/2009. Supply, delivery and storage of geosynthetic clay liner for the Għallis landfill.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM 61/2009. Supply, delivery and storage of geotextile for the Għallis landfill.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM 62/2009. Supply and delivery of black annealed wire.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, by not later than noon on Friday, 16th October 2009, for:–

Advt. No. WSM/064/2009. Period contract for the emptying of waste recycle bins in Malta.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Il-formoli tal-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Id-29 ta' Settembru, 2009

WASTESERV MALTA LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Ottubru 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/065/2009. Kiri ta' postijiet biex fihom isiru *seminars* u laqgħat għall-proġett 'Care Creates Change in People's Lives and the Environment'.

Għandu jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. WSM/063/2009. Trasport ta' *trainee participants* fil-programm ta' taħriġ tal-proġett 'Care Creates Change in People's Lives and the Environment'.

Għandu jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull dokument tal-offerta.

Il-formoli tal-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Id-29 ta' Settembru, 2009

Tender forms may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

29th September, 2009

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, by not later than noon on Friday, 16th October 2009, for:–

Advt. No. WSM/065/2009. Renting of venues to cater for seminars and meetings for the project 'Care Creates Change in People's Lives and the Environment'.


A fee of €10.00 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM/063/2009. Transport of trainee participants following the training programme of the project 'Care Creates Change in People's Lives and the Environment'.

A fee of €10.00 will be charged for each tender document.

Tender forms may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

29th September, 2009



Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Proġett/offerta parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Project/tender part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU; 15% National Funds
Investing in your future

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-Heritage Malta jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tat-Tlieta, l-20 ta' Ottubru 2009 fl-Uffiċċju tal-Proġetti, Heritage Malta, Bini tal-ex-Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, jew bl-email lil maria-dolores.bonavia@gov.mt u anastasia.anastasi@gov.mt jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. RFQ.20.09. Provvista u implimentazzjoni għal ambjent ta' tagħlim virtwali.

Il-formoli tal-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku ta' Heritage Malta fuq: www.heritagemalta.org/projects/callfortenders/callfortenders.html jew mingħand l-Uffiċċju tal-Proġetti Heritage Malta, Bini tal-*ex* Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, il-Kalkara, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

ESF 1.31 Wood CPR: Edukazzjoni u Taħriġ fil-Konservazzjoni/Restawr tal-Injam.

Id-29 ta' Settembru, 2009

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, or via email to maria-dolores.bonavia@gov.mt and anastasia.anastasi@gov.mt by not later than noon of Tuesday, 20th October 2009, for:-

Quot. No. RFQ.20.09. Supply, implementation and hosting of virtual learning environment.

Quotation forms may be downloaded from the Heritage Malta website: www.heritagemalta.org/projects/callfortenders/callfortenders.html or may be obtained from the Projects Office Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara on any working day between 8.30 a.m. and noon.

ESF 1.31 Wood CPR: Education and Training in Wood Conservation-Restoration.

29th September, 2009

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-Heritage Malta jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tal-Erbgħa, il-21 ta' Ottubru 2009 fl-Uffiċċju tal-Proġetti, Heritage Malta, Bini tal-*ex*-Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, il-Kalkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. HM.16.09. Materjal edukattiv (kotba u materjal stampat ieħor) għall-edukazzjoni u taħriġ fil-konservazzjoni - preservazzjoni tal-injam.

Għandu jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-formoli tal-offerti jidhru fuq is-sit elettroniku ta' Heritage Malta fuq: www.heritagemalta.org/projects/callfortenders/callfortenders.html jew mingħand l-Uffiċċju tal-Proġetti Heritage Malta, Bini tal-*ex* Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, il-Kalkara, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

ESF 1.31 Wood CPR: Edukazzjoni u Taħriġ fil-Konservazzjoni/Restawr tal-Injam.

Id-29 ta' Settembru, 2009

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, by not later than noon of Wednesday, 21st October 2009, for:-

Advt. No. HM.16.09. Library materials (books and other printed media) for education and training in wood conservation - restoration.

A fee of €100.00 is to be paid for each copy of the tender document.

Tender forms may be viewed from the Heritage Malta website: www.heritagemalta.org/projects/callfortenders/callfortenders.html or may be obtained from the Projects Office Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara on any working day between 8.30 a.m. and noon.

ESF 1.31 Wood CPR: Education and Training in Wood Conservation-Restoration.

29th September, 2009

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-Heritage Malta jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tat-Tnejn, il-5 ta' Ottubru 2009 fl-Uffiċċju tal-Proġetti, Heritage Malta, Bini tal-ex-Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. HM.19.09. Provvista ta' materjal meħtieġ għall-edukazzjoni u taħriġ fil-konservazzjoni - preservazzjoni tal-injam.

Għandu jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-formoli tal-offerti jidhru fuq is-sit elettroniku ta' Heritage Malta fuq: www.heritagemalta.org/projects/callfortenders/callfortenders.html jew mingħand l-Uffiċċju tal-Proġetti Heritage Malta, Bini tal-*ex* Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, il-Kalkara, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

ESF 1.31 Wood CPR: Edukazzjoni u Taħriġ fil-Konservazzjoni/Restawr tal-Injam.

Id-29 ta' Settembru, 2009

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, by not later than noon of Monday, 5th October 2009, for:-

Advt. No. HM.19.09. Supply of consumables required for the delivery of education and training courses in wood conservation - restoration.

A fee of €100.00 is to be paid for each copy of the tender document.

Tender forms may be viewed from the Heritage Malta website: www.heritagemalta.org/projects/callfortenders/callfortenders.html or may be obtained from the Projects Office Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara on any working day between 8.30 a.m. and noon.

ESF 1.31 Wood CPR: Education and Training in Wood Conservation-Restoration.

29th September, 2009

SERVIZZI TA' *PROCUREMENT* TAL-GVERN (TAQSIMA TAS-SAĦĦA)

Id-Direttur tas-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa), Guardamangia, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-6 ta' Ottubru, 2009 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. PFI Nru. 1414. *Endometrial sampler.*
Kwot. PFI Nru. 1415. *Bowman lachrymal probes*.
Kwot. PFI Nru. 1416. *Tenotomy scissors*.
Kwot. PFI Nru. 1417. *Aortic cannula with diffuser tip*.
Kwot. PFI Nru. 1418. *Barraquer eye speculum*.

GOVERNMENT HEALTH PROCUREMENT SERVICES

The Director, Government Health Procurement Services, Guardamangia, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 6th October, 2009, for:-

Quot. PFI No. 1414. Endometrial sampler.
Quot. PFI No. 1415. Bowman lachrymal probes.
Quot. PFI No. 1416. Tenotomy scissors.
Quot. PFI No. 1417. Aortic cannula with diffuser tip.
Quot. PFI No. 1418. Barraquer eye speculum.

Kwot. PFI Nru. 1419. *Fluconazole 2mg/ml injections in 100ml bottles*.

Kwot. PFI Nru. 1420. *Thioguanine 40mg tablets*.

Kwot. PFI Nru. 1421. *Doxorubicin 10mg & 50mg injections*.

Kwot. PFI Nru. 1422. *Wafer for Terumo TSCD machine*.

Kwot. PFI Nru. 1423. *Vented caps for waste container of BD FACS Canto flow cytometer.*

Kwot. PFI Nru. 1424. *Amantadine hydrochloride 100mg capsules/tablets*.

Il-PFI's imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-29 ta' Settembru, 2009

Quot. PFI No. 1419. Fluconazole 2mg/ml injections in 100ml bottles.

Quot. PFI No. 1420. Thioguanine 40mg tablets.

Quot. PFI No. 1421. Doxorubicin 10mg & 50mg injections.

Quot. PFI No. 1422. Wafer for Terumo TSCD machine.

Quot. PFI No. 1423. Vented caps for waste container of BD FACS Canto flow cytometer.

Quot. PFI No. 1424. Amantadine hydrochloride 100mg capsules/tablets.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

29th September, 2009

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (*Health Care Services*) jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Ottubru, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 90/09. *Negative pressure therapy unit*.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta ġiet estiża minn nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Settembru 2009.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Ottubru, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 107/09. Bejgħ *tale quale* ta' vetturi.

Avviż Nru. 108/09. *Walking frames with rollators*.

Formoli tal-offerti u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti/Proġetti, *Medical Stores Building*, Pjazza San Luqa, Guardamangia, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Id-29 ta' Settembru, 2009

HEALTH DIVISION

The Director General (Health Care Services) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 14th October, 2009, for:-

Advt. No. 90/09. Negative pressure therapy unit.

The closing date of this tender has been extended from Wednesday, 30th September 2009.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 28th October, 2009, for:-

Advt. No. 107/09. Sale tale quale of vehicles.

Advt. No. 108/09. Walking frames with rollators.

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Health Division, Supplies/Projects Section, Medical Stores Building, St Luke's Square, Guardamangia, from 8.00 a.m. to noon.

29th September, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Ċirkewwa Ferry Terminal - Proġett ta' Xogħlijiet Temporanji

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Ottubru, 2009, fil-Kaxxa tal-Offerti, Dipartiment tal-Amministrazzjoni - ir-4 Sular, l-Awtorità Marittima ta' Malta, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa, jintlaqgħu offerti magħluqin flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa għal:

Avviż Nru. MMA/035/2009. Kostruzzjoni ta' kurduni tal-konkrit, bankini, *barriers, railings* tal-azzar galvanizzat u marki tat-toroq.

Avviż Nru. MMA/036/2009. Kostruzzjoni ta' xogħlijiet infrastrutturali għal servizzi taħt l-art.

Avviż Nru. MMA/037/2009. Xogħlijiet tal-elettriku u tal-ilma.

Persuni interessati għandhom jiġbru d-dokument tal-offerta fuq dritt ta' ħlas ta' €25 għal kull offerta. Id-dokument tal-offerta jista' jinkiseb mid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni - ir-4 Sular tal-Awtorità Marittima ta' Malta, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa.

Ħlas għad-dokumenti tal-offerta għandu jsir preferibbilment b'ċekk indirizzat lill-Awtorità Marittima ta' Malta.

Id-29 ta' Settembru, 2009

MALTA MARITIME AUTHORITY

Ċirkewwa Ferry Terminal - Temporary Works Project

The Malta Maritime Authority notifies that:

Sealed tenders complete with all required documents will be received in the Tender Box, Administration Department - Level 4, Malta Maritime Authority, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa, up to noon of Tuesday, 20th October, 2009, for:

Advt. No. MMA/035/2009. Construction of concrete kerbs, pavements, barriers, galvanised steel railings and road markings.


Advt. No. MMA/036/2009. Construction of underground services' infrastructural works.

Advt. No. MMA/037/2009. Electrical and plumbing works.

Interested parties are invited to collect a copy of the tender document/s against a payment of €25 for each tender. The tender document can be collected from the Administration Department - Level 4 of the Malta Maritime Authority, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

Payments for tender documents are preferably to be made by cheque to the Malta Maritime Authority.

29th September, 2009



Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għall-Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Din l-offerta qed tiġi kkunsidrata għal finanzjament parzjali mill-Unjoni Ewropea
Fondi ta' Koeżjoni
Rata ta' Ko-finanzjament: 85%Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-Futur Tiegħek



Operational Programme I – Cohesion Policy 2007 - 2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
This tender is being considered for European Union part-financing
Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your Future

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Affarijiet Veterinarji u Akwakultura, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta'Ottubru 2009 fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement*, Dipartiment tal-*Financial Management,* il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 135/2009. Kuntratt perjodiku għat-tneħħija u rimi ta' fdalijiet mill-Biċċerija.

Għandu jitħallas dritt ta' €25.00 fuq ġbir ta' kull dokument tal-offerta.

Formoli tal-offerta jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Dipartiment tal-*Financial Management,* Blokk 'A', il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement* (Tel. 22997567).

Id-29 ta' Settembru, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

The Director General, Veterinary Affairs and Fisheries Division, notifies that:-

Sealed tenders would be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 20th October 2009, for:-

Advt. No. 135/2009. Period contract for the removal and disposal of offals from the Civil Abattoir.

A fee of €25.00 is to be charged for the procurement of each tender document.

Forms of tender may be obtained from the Cash Office, Department of Financial Management, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Contracts and Procurement Section (Tel. 22997567).

29th September, 2009

L-AĠENZIJA MALTIJA TAL-INFORMAZZJONI
U T-TEKNOLOĠIJA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta'nhar il-11 ta'Novembru 2009 fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru.: M482/2009. '*A call for expression of interest for a strategic partnership for the provision of an e-Learning Solution*' .

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITA, http://www.mita.gov.mt/tenders mingħajr ħlas, waqt li kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba bl-*email* mibgħuta lil M48209.mita@gov.mt għall-ħlas ta' €35.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu permezz tat-telefon, 25992581, jew bl-*email* lil M48209.mita@gov.mt

Il-ħlas huwa dovut meta jintefgħu l-offerti, u jkun pagabbli lill-MITA. Kull offerta li tintbagħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

Id-29 ta' Settembru, 2009

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY
AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:

Sealed Expression of Interest will be received in the tender box at Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up to the 11th November 2009, at noon for:-

Advert No.: M482/2009. 'A Call for Expression of Interest for a Strategic Partnership for the Provision of an e-Learning Solution'.

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website at http://www.mita.gov.mt/tenders. A printed copy can be obtained through an e-mail sent to M48209.mita@gov.mt for a fee of €35.

Further information may be obtained by calling telephone number 25992581, or e-mail to M48209.mita@gov.mt

Payment for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITA. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

29th September, 2009

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1475

B'digriet mogħti fid-9 ta' Settembru 2009, fl-atti tal-ittra 699/09, Bob fl-ismijiet Josephine Carachi KI Numru 21138(M) vs Arthur Carachi KI Numru 325419(M), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Josephine Carachi (KI 0211138(M) vs Arthur Carachi (KI 325419(M) fit-18 ta' Ġunju 2009, ir-rikorrenti Josephine Carachi esponiet bir-rispett u talbet:

Illi l-partijiet iżżewġu fit-18 ta' Ġunju 1983, il-partijiet it-tnejn kienu ġa miżżewġin u kienu romlu, l-esponenti mill-ewwel raġel tagħha.

Illi l-esponenti bit-tieni żwieġ tagħha għalhekk tilfet id-dritt tagħha għal-pensjoni tar-romol.

Illi l-ħajja miżżewġa tal-partijiet saret impossibbli, ...omissis…

Illi l-intimat sa ftit taż-żmien ilu kien jgħaddilha €385 fix-xahar bħala manteniment għaliha, …omissis…

Illi l-intimat hu pensjonant u jirċievi pensjonijiet kemm mill-Gvern Malti, kif ukoll mill-Gvern Ingliż …omissis…

Illi inoltre hu jagħmel xogħol ta' accounting ma' bosta ditti …omissis…

Illi l-koabitazzjoni matrimonjali tagħhom damet biss ftit snin ...omissis..

Illi l-esponenti għandha diversi spejjeż li jammontaw għal madwar €5,000 fis-sena …omissis…

Illi l-partijiet kienu qablu li l-intimat jgħaddilha €400 fix-xahar bħala manteniment għaliha …omissis…

Illi l-esponenti għandu 71 sena u tiddependi fuq il-manteniment ta' żewġha biex tgħix.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha;

1. Tillikwida retta alimentarja għaliha pendente lite f' ammont ta' mhux inqas minn €400 fix-xahar, liema ammont għandu jitnaqqas direttament mill-pensjoni tal-intimat u jitħallas lilha b'ċekk separat fuq isimha.

By means of a decree given on the 9th September 2009, in the records of the Letter 699/09, Bob in the names Josephine Carachi ID Number 21138(M) vs Arthur Carachi ID Number 325419(M), the Civil Court (Family Section) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Josephine Carachi (ID 0211138 (M) vs Arthur Carachi (ID 325419(M) on the 18th June 2009, the applicant Josephine Carachi pleaded with respect and asked:

That the parties were married on the 18th June 1983, the parties were both married and had been widowed, the applicant from her husband.

That the applicant due to her second marriage lost her right to the widow's pension.

That married life has become impossible…omissis…

That the respondent up to some time ago passed on to her €385 monthly as maintenance for her….omissis…

That the respondent is a pensioner and recieves pensions both from the Maltese Government and the English Government.

That furthermore he does various accounting jobs with various firms..omissis…

That their matrimonial cohabitation lasted only a few years…omissis…

That the applicant has various expenses which amount to about €5000 per year ….omissis…

That the parties had agreed that the respondent pass on to her €400 per month as maintenance for her…omissis…

That the applicant is 71 years and depends on the maintenance of her husband to live.

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court;

1. Liquidates the adequate maintenance for her pendente lite in the amount of not less than €400 per month, which amount is to be deducted from the pension of the respondent and be paid to her by means of a separate cheque in her name.

Bl-ispejjeż.

Notifika: Arthur Carachi,
36, St Mary Street,
Sliema.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 23 ta' Settembru 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs.

Notify: Arthur Carachi,
36, St Mary Street,
Sliema.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 23rd September 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1476

B'digriet mogħti fl-14 ta' Lulju 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet A. F. Ellis (Home Decor) Limited (C 28050) vs Azzopardi Raymond et, rikors numru 988/08 JZM, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Is-socjetà 'A.F. Ellis (Home Decor) Limited (C 28050) vs 1) Raymond Azzopardi, ta' 585, Flat 1, Triq il-Kbira San Ġuzepp, Ħamrun, 2) Maria Theresa Azzopardi, ta' 99, Flat 1, Triq Hookham Frere, Pietà 3) Henry Azzopardi ta' 'Holland Court', Flat 4, Triq Bisazza Sliema, 4) Judith Azzopardi ta' 'Holland Court', Flat 4, Triq Bisazza Sliema, 5) Pauline Grech 'Ave Maria' Triq Ġużè Ellul Mercer, Victoria, fl-1 ta' Ottubru 2008, is-soċjetà rikorrenti talbet il-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista ta' dak espost fir-rikors:

1)Tiddikjara illi l-kejl tal-fond mibjugħ mill-konvenuti lis-soċjetà attriċi kif premess hu iżgħar minn kif muri fuq il-pjanta allegata mal-kuntratt bhala Dok 'E' atti Nutar Rosalyn Aquilina, 9 ta' Ottubru 2006 u tilqa 't-talbiet l-oħra miġjuba fir-rikors.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Xhieda.

Esponenti: 16, Triq Għajn Qatet, Victoria, Ghawdex, VCT 2100.

B'ordni tal-Qorti tal-14 ta' Mejju 2009, il-kawża hawn fuq imsemmija li kienet ġiet differita Sine Die ġiet riappuntata għas-smigħ għall-14 ta' Lulju 2009 fid-9.00 a.m., u b'ordni tal-istess Qorti differita għad-29 ta' Ottubru 2009, fid-9.00 a.m., sabiex jiġu notifikati uħud mill-partijiet.

By means of a decree given on the 14th July 2009, in the Records of the Sworn Application, in the names A. F. Ellis (Home Decor) Limited (C 28050) vs Azzopardi Raymond et, application number 988/08 JZM, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names The Company 'A. F. Ellis (Home Decor) Limited (C 28050) vs 1) Raymond Azzopardi, of 585, Flat 1, St Joseph High Street, Ħamrun 2) Maria Theresa Azzopardi of 99, Flat 1, Hookham Frere Street, Pietà 3) Henry Azzopardi of 'Holland Court', Flat 4, Bisazza Street, Sliema, 4) Judith Azzopardi of 'Holland Court', Flat 4, Bisazza Street, Sliema, 5) Pauline Grech 'Ave Maria' Ġużè Ellul Mercer Street, Victoria, on the 1st October 2008, the applicant company, asked the defendants to state why this Honourable Court in view of that premised in the application should not:

1) Declare that the measurement of the premises sold by the defendasnts to the plaintiff company, as premised is smaller that shown on the plan attached with the contract as 'Doc E' records Notary Rosalyn Aquilina, 9th October 2006 and uphold the other demands brought forward in the application.

With interest and with costs.

The defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

Witnesses.

Applicant: 16, Għajn Qatet Street, Victoria, Gozo, VCT 2100.

By order of the Court of the 14th May 2009, the cause above mentioned which was put off Sine Die was reappointed for hearing on the 14th July 2009, at 9.00 a.m., and by order of the same Court put off to the 29th October 2009, at 9.00 a.m., in order that some of the parties, be notified.

Konvenuti: 1) Raymond Azzopardi, 585, Flat 1, Triq il-Kbira, San Ġużepp, Ħamrun.

2) Maria Theresa Azzopardi, 99, Flat 1, Triq Hookham Frere, Pietà.

3) Henry Azzopardi, Holland Court, Flat 4, Triq Bisazza, Sliema.

4) Judith Azzopardi, Holland Court, Flat 4, Triq Bisazza, Sliema.

5) Pauline Grech 'Ave Maria', Triq Gużè Ellul Mercer, Victoria.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Settembru 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Defendants: 1) Raymond Azzopardi, 585, Flat 1, St. Joseph High Street, Ħamrun.

2) Maria Theresa Azzopardi, 99, Flat 1, Hookham Frere Street, Pietà.

3) Henry Azzopardi, Holland Court, Flat 4, Bisazza Street, Sliema.

4) Judith Azzopardi, Holland Court, Flat 4, Bisazza Street, Sliema.

5) Pauline Grech, 'Ave Maria', Ġużè Ellul Mercer Street, Victoria.

Registry of the Superior Courts, today 25th September 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1477

B'digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mizzi Albert noe vs Agius Noel et, Rikors Numru 140/09 JZM, Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Kenneth Dimech, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Albert Mizzi għan-nom ta' Mizzi Associated Enterprises (C 1372) vs Noel Agius, karta tal-identità numru 165970M, Andre Agius, karta tal-identità numru 574874M, Ronnie Agius, karta tal-identità numru 1044447 (M) u Kenneth Dimech bħala stralċjarju in rappreżentanza ta' Triangle Investments Limited (C 23925) fis-16 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti Albert Mizzi għan-nom ta' Mizzi Associated Enterprises u s-soċjetà rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

sabiex ai termini tal-Artikolu 315 tal-Att dwar il-Kumpanniji tiddikjara li l-konvenuti Andre Agius u Noel Agius, qua diretturi tas-soċjetà Triangle Investments Limited u Ronnie Agius huma personalment u solidalment responsabbli għad-dejn tal-istess soċjetà konvenuta dovut lis-soċjetà attriċi u dan skont is-sentenza ċitazzjoni numru 356/2005, fl-ismijiet Albert Mizzi għan-nom ta' Mizzi Associated Enterprises Limited vs Noel Agius u Andre Agius f'isimhom u Kenneth Dimech bħala stralċjarju in rappreżentanza ta' Triangle Investments Limited, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2008.

Rikorrent: 30, Archbishop Street, Valletta.

Notifika: 1…omissis…

By means of a decree given on the 23rd June 2009, in the Records of the Sworn Application in the names Mizzi Albert noe vs Agius Noel et, Application number 140/09 JZM, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Kenneth Dimech, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Albert Mizzi on behalf of Mizzi Associated Enterprises (C 1372) vs Noel Agius, identity card number 165970M, Andre Agius, identity card number 574874M, Ronnie Agius, identity card number 1044447(M), and Kenneth Dimech as liquidator in representation of Triangle Investments Limited (C 23925) on the 16th February 2009, the applicant Alberi Mizzi on behalf of Mizzi Associated Enterprises and the applicant company asked this Honourable Court:

so that in terms of Article 315 of the Companies Act it declares that the defendants Andre Agius and Noel Agius, qua directors of the company Triangle Investments Limited and Ronnie Agius are personally and in solidum responsible for the debts of the same defendant company due to the plaintiff company and this according to a judgement writ of summons number 356/2005, in the names Albert Mizzi on behalf of Mizzi Associated Enterprises Limited vs Noel Agius and Andre Agius in their own name and Kenneth Dimech as liquidator in representation of Triangle Investments Limited, decided on the 16th December 2008.

Applicant: 30, Archbishop Street, Valletta.

Service: 1…omissis…

2…omissis…
3…omissis…
4. Kenneth Dimech, 'Kosco', Triq G. Calì, Ta' Xbiex.
jew
107, Herza, Triq il-Gallina, San Ġwann.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mizzi Albert noe vs Agius Noel et rikors numru 140/09 JZM, jinsab differit għad-19 ta' Ottubru 2009, wara d-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Settembru 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2…omissis…
3…omissis…
4. Kenneth Dimech, 'Kosco, G. Calì Street, Ta' Xbiex
jew
107, Herza, Gallina Street, San Ġwann.

The Sworn Application in the names Mizzi Albert noe vs Agius Noel et, application number 140/09 JZM, has been put off to the 19th October 2009, after 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th September 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1478

B'digriet mogħti fit-22 ta' Diċembru 2008, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Abela Fitzpatrick Keith John vs S.C. & Company Ltd, Rikors Numru 930/06 AF, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet fuq imsemmija, fit-13 ta' Ottubru 2006, ir-rikorrenti Keith John Abela Fitzpatrick, talab lil din l-Onorabbli Qorti, salv kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja:

1. Tikkundanna s-soċjetà intimata tirrifondi lil rikorrenti s-somma ta' seba' u tletin elf mitejn u disa' u sittin Ewro u sebgħa u disgħin Ewro ċenteżmi (€37,269.97) imħallsa mir-rikorrent lill-istess intimata akkont tal-prezz tal-art imsemmija fir-rikors, bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rikorrent: Keith Abela Fitzpatrick, Cova d'Aria, Triq Gian Anton Vassallo, St Venera.

Notifika: S.C. & Co. Ltd, 12, St Joseph Street, Kirkop.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Abela Fitzpatrick Keith John vs S.C. & Company Ltd, Rikors Numru 930/06 AF, jinsab differit għat-22 ta' Ottubru 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Settembru 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 22nd December 2008, in the Records of the Sworn Application in the names Abela Fitzpatrick Keith John vs S.C. & Company Ltd, Application Number 930/06 AF, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names above mentioned, on the 13th October 2006, the applicant Keith John Abela Fitzpatrick, asked this Honourable Court saving any necessary declaration:

1. To condemn the respondent company to refund to the applicant the sum of thirty seven thousand, two hundred and sixty-nine Euro and ninety seven Euro cents (€37,269.97) paid by the applicant to the same respondent, on account of the price of the land mentioned in the application, with interest as demanded and with costs.

The defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

Applicant: Keith Abela Fitzpatrick, Cova d'Aria, Gian Anton Vassallo Street, St Venera.

Notify: S.C. & Co Ltd, 12, St Joseph Street, Kirkop.

List of Witnesses.

List of Documents.

The Sworn Application in the names Abela Fitzpatrick Keith John vs S. C. & Company Ltd, Application Number 930/06 AF, has been put off to the 22nd October 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th September 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1479

B'digriet mogħti fit-12 ta' Marzu 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Alexejevna El Maria vs Balzan Joseph Mary, Rikors Numru 1034/08 AL, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet fuq imsemmija, fl-10 ta' Ottubru 2008, ir- rikorrenti Maria Alexejevna El, talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors l-intimat Joseph Mary Balzan huwa obbligat illi jirrifondi l-ammont ta' erbgħa u tletin elf u tmien mitt Ewro (€34,800) u tilqa' t-talbiet l-oħra msemmija fir-rikors.

Bl-ispejjeż u salv kull dritt u rimedju fil-Liġi.

Xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Konvenut: Cote d'Or,
Triq il-Qasam,
Swieqi.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Alexejevna El Maria vs Balzan Joseph Mary, Rikors Numru 1034/08 AL, jinsab differit għat-22 ta' Ottubru 2009, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Settembru 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 12th March 2009, in the Records of the Sworn Application in the names Alexejevna El Maria vs Balzan Joseph Mary, Application Number 1034/08 AL, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names above mentioned, on the 10th October 2008, the applicant Maria Alexejevna El, asked this Honourable Court:

1. To declare and decide that for the reasons mentioned in the application the respondent Joseph Mary Balzan is bound to refund the amount of thirty four thousand eight hundred Euro (€34,800) and uphold the other demands mentioned in the application.

With costs and saving any right and remedy at Law.

Witnesses.

List of Documents.

Defendant: Cote d'Or
Triq il-Qasam,
Swieqi.

The Sworn Application in the names Alexejevna El Maria vs Balzan Joseph Mary, Application Number 1034/08AL, has been put off to the 22nd October 2009, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th September 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1480

B'digriet mogħti fis-7 ta' Lulju 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 583/09 JA, fl-ismijiet Debono Paul et vs Schembri Gordon, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikos Ġuramentat ipprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Paul u Concetta konjuġi Debono (KI 650843M) u 632643M) vs Gordon Schembri (KI 207386M), fil-15 ta' Ġunju 2009, ir-rikorrenti Paul u Concetta konjugi Debono, talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1) Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12.

By means of a decree given on the 7th July 2009, in the records of the Sworn Application Number 583/09 JA, in the names Debono Paul et vs Schembri Gordon, the Civil Court First Hall, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Paul and Concetta spouses Debono (ID 650843M) and 632643M) vs Gordon Schembri (ID 207386M) on the 15th June 2009, the applicants Paul and Concetta spouses Debono, asked this Honourable Court:

1) To hear this cause without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et seq. of Cap. 12.

2) Tordna lill-konvenut jiżgombra mill-fond ossia appartament internament markat tlieta (3) fil-blokk numru ħamsa (5) Lourdes Buildings, Enrico Mizzi Street, Ta' Xbiex, entro terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż, il-konvenut inġunt in subizzjoni, salv kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Attur: Blk B, 'Carmen', Fl 6, Triq Mater Boni Consilii, Fgura.

Konvenut: Fl 3, Blk 5, 'Lourdes Buildings', Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex.

Ir-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Debono Paul et vs Schembri Gordon, Rikors Numru 583/2009 JA, jinsab differit għall-21 ta' Ottubru 2009, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Settembru 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2) To order the defendant to vacate the premises or rather appartment internally marked three (3) in the block number five (5) Lourdes Buildings, Enrico Mizzi Street, Ta' Xbiex, within a short and peremptory period.

With costs, against the defendant summoned so that a reference to his evidence be made, saving any other action due to the applicants.

List of Witnesses.

List of Documents.

Plaintiff: Blk B, 'Carmen' Fl 6, Mater Boni Consilii Street, Fgura.

Defendant: Fl 3, Blk 5, 'Lourdes Buildings', Enrico Mizzi Street, Ta' Xbiex.

The Sworn Application, in the names Debono Paul et vs Schembri Gordon, Application Number 583/2009 JA, has been put off to the 21st October 2009, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th September 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1481

B'digriet mogħti fit-13 ta' Lulju 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1649/09, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Claude Paris K.I. Nru. 386578(M) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 27 ta' April 2009

Lil Claude Paris (K.I. 386578(M)

Permezz tal-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' mitejn u erbgħa u disgħin elf, mija u ħamsa u tletin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€294,135.59) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri, mill-1 ta' April 2009, sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir mingħajr preġudizzju għal somom oħra ta' flus minnek dovuti lill-Bank mittenti li għalihom il-mittenti qed tirriżerva li tipproċedi f'ġudizzju separat.

By means of a decree given on the 13th July 2009, in the records of the judicial letter number 1649/09, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Claude Paris ID Number 386578(M) the First Hall Civil Court ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 27th April 2009

To Claude Paris (I.D. 386578(M)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of two hundred, ninety-four thousand one hundred thirty-five Ewro and fifty-nine cents (€294,135,59) balance of debt in your 'Loan Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st April 2009, till the date of effective payment.

This calling is being made without prejudice for other sums of money due by you to the interpellant Bank for which the interpellant is reserving the right to proceed separately.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5 , Misraħ San Ġorġ,
Valletta VLT 1190.

Intimat: Claude Paris,
16, San Michele, Triq G. Despott,
San Ġwann.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Settembru 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to Law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta VLT 1190.

Respondent: Claude Paris
16, San Michele, Triq G. Despott,
San Ġwann.

Registry of the Superior Courts, today 28th September 2009.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1482

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Settembru, 2009, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Miriam Hayman, LL.D.), fil-kawża (Kumpilazzjoni Numru 302/2009) fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)
(Spettur Robert Vella)

kontra

MARIO FARRUGIA, 38 sena, iben Carmel u Josephine neé Mifsud, imwieled Tas-Sliema fit-3 ta' Lulju, 1970 u residenti 363, Flat 2, St Joseph High Road, Sta. Venera u detentur tal-Karta tal-Identità 291170(M).

AWTORIZZAT lill-imsemmi Mario Farrugia jiżbanka mill-Bank of Valletta plc (Ħamrun Branch) is-somma ta' elf, disa' mija u sebgħa u għoxrin Euro u 20 ċenteżmu (€1,927.20) u dan wara rikors ippreżentat mill-istess Mario Farrugia fl-1 ta' Settembru, 2009 fl-atti tal-kawża.

L-ordni ta' sekwestru kien ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-3 ta' April, 2009.

Illum, 25 ta' Settembru, 2009.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th September, 2009, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Miriam Hayman, LL.D.) Court Case Number 302/2009 in the names:

The Police
(Inspector Elton Taliana)
(Inspector Robert Vella

versus:

MARIO FARRUGIA, 38 years, son of Carmel and Josephine neé Mifsud, born at Sliema on the 3rd July, 1970 and residing at 363, Flat 2, St Joseph High Street, Sta Venera and holder of Identity Card No. 291170(M).

AUTHORISED the said Mario Farrugia to withdraw from the Bank of Valletta plc (Ħamrun branch) the sum of one thousand, nine hundred and twenty-seven Euro and 20 cents (€1,927.20) following an application filed by the said Mario Farrugia on the 1st of September, 2009.

The attachment order was published in the Government Gazette on the 3rd April, 2009.

Today, 25th September, 2009.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*